MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 289/2002

Il-Pulizija
(Spettur Marthese Micallef))

Vs

Nure Kamakam

Il-Qorti,

1) Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif riassunti fir-rikors tal-appell.

Rat li fil-fatt kien hemm tlitt citazzjonijiet, tlitt processi separati kif ukoll tlitt sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, moghtija fil-konfront tal-appellant fit-12 ta’ Novembru, 2002 li f’kull wahda minnhom l-appellant jidher li kien gie misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w ikkundannat ghal sitt ijiem detenzjoni u ghal hlas ta’ mitt lira (LM100) bhala

penali a tenur ta’ obbligazzjoni imposta fuqu b’sentenza ohra precedenti tal-istess Qorti, u dana f’kull wahda mill-imsemmija sentenzi.

Rat illi intalbet is-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza biss f’kaz wiehed bla ma dan gie identifikat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentant fit-22 ta’ Novembru, 2002 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza (bla ma specifika liema wahda) tat-12 ta’ Novembru, 2002, billi tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti u cioe’ illi rigwardanti l-allegat ksur tal-buon ordni ma ingabux xhieda biex jikkorroboraw it-tesi ta’ Marica Cernigliano hlief ommha li xehdet li l-incident li gara fit-13 ta’ Settembru, 2002 kien gara fl-4.30 am ., mentri l-akkuza titkellem fuq hin ta’ 3.45 am u li anki jekk wiehed joqghod fuq dix-xhud li l-appellant kien qal kliem baxx mill-karozza anki b’lehen gholi , dan ma jikkonfigurax fl-akkuza ta’ ksur tal-buon ordni. Illi dwar il-feriti hfief ghalkemm ic-certifikat mediku esebit jirriferi ghall-tbengil fuq il-warrani t’isfel , Marica Cernigliano kienet xehdet li intlaqtet il fuq minn nofs darha u ghalhekk ma kienx hemm qbil bejn ic-certifikat u x-xiehda taghha. Illi rigward it-theddid l-allegazzjoni ta‘ Cernigliano li l-appellant kien qabad container bl-ilma w beda jxerrdu ma kullumkien fil-waqt li jghidilha li jekk ried seta‘ jahraqha, ma hi korroborata minn hadd u hi michuda mill-appellant . Illi dwar il-ksur tal-kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta’ Lulju, 2002, ghalkemm huwa minnu li hu kellem lil Cernigliano , dan ghamlu wara li kellmitu hi w zgwidatu fuq x’kienet ezattament tfisser dil-kondizzjoni w li ma ghamilx dan b’dizrispett lejn il-Qorti jew bl-intenzjoni li jikser tali kondizzjoni .

Semghet mill-gdid ix-xiehda fil-kors tas-seduta tas-20 ta’ Frar , 2003;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-Prosekuzzjoni ;

Ezaminat id-dokumenti esebiti ;

Ikkonsidrat ;

Illi din il-Qorti rriskontrat diffikolta' dwar il-forma u l-validita' tar-rikors tal-appell meta giet biex tezamina l-atti processwali , li trid tigi ndirizzata qabel kull konsiderazzjoni tal-aggravji tal-appellant .

Ghalhekk fis-seduta tal-lum tat l-opportunita' lil Prosekuzzjoni w lid-difiza li jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni ta' nullita' w irritwalita' tar-rikors tal-appell li qed tigi sollevata mill-Qorti "ex officio" ;

Ikkonsidrat ;

Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant ma semmiex li hu kien deher quddiem l-ewwel Qorti biex iwiegeb ghal tlitt citazzjonijiet separati , imma ppremetta biss li hu "fi tlitt akkuzi separati pero' li l-Qorti hadet konjizzjoni taghhom f'daqqa anki a fini ta' sentenza , kien akkuzat......" u umbaghad ghadda biex isemmi l-akkuzi li jirrigwardaw tlitt incidenti separati .

Illi pero' mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta li fil-fatt fit-12 ta' Novembru, 2002, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tat tlitt sentenzi fil-konfront tal-appellant u dana fuq tlitt citazzjonijiet differenti li jirrigwardaw tlitt incidenti separati u fi tlitt dati differenti . Mill-atti processwali jidher li ghalkemm il-konsiderandi u d-decide fit-tlitt sentenzi huma l-istess , l-akkuzi f'kull wahda mis-sentenzi ghalkemm huma tal-istess indoli , m'humiex identici u - anki fejn huma l-istess ghalkemm b'dati w hinijiet differenti - lanqas huma fl-istess ordni . Illi l-appellant appella minn dawk li jidhru li huma tlitt sentenzi separati b'rikors wiehed .

Bir-rispett , din il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti kellha taghti sentenza sterjotipata fuq tlitt komparixxi ghal kollox separati w distinti minn xulxin b'motivazzjoni identika li mhux necessarjament tapplika ghalihom ilkoll u tifhem li

dan seta induca lill-appellant fl-izball ritwalistiku li jipprezenta appell wiehed minnflok tlieta kif indikat li ghandu jsir.

Pero' apparti kull konsiderazzjoni dwar il-meriti tas-sentenzi appellati f'dan l-istadju, l-ewwel haga li trid taghmel din il-Qorti hu li tippronunzja ruha dwar jekk l-appell odjern hux ritwali jew le.

Illi hu ovvju li la kien hemm tlitt komparixxi , kellhom jinghataw tlitt sentenzi separati u fil-fatt hekk jidher li sar - apparti id-dicitura identika taghhom . L-unika triq li allura kellu l-appellant kienet li jintavola appell minn kull wahda mis-sentenzi appellati. Minnflok hu appella b'rikors wiehed minn sentenza wahda bla ma qal liema kienet is-sentenza li qed jappella minnha u b'mod li din ma tistax tigi identifikata , ghax fir-rikors tal-appell , l-appellant semma cirkostanzi w dati differenti li kienu suppost jikkostitwixxu l-mertu tat-tlitt kawzi differenti.

Kjarament dan il-metodu konfuzjonarju ma jistax ireggi u l-Qorti ma hix tenuta li toqghod tispigola w tindovna minn liema sentenza sar appell mit-tlieta li inghataw fil-konfront tal-appellant dak in-nhar biex forsi ssalva l-appell fil-kaz ta' xi sentenza minnhom .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appel billi tiddikjarah irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------